Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,687, 6 ta' Ottubru, 1998
Taqsima B

A.L. 225 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Postgraduate Diploma u għall-Grad ta' Master of Gerontology and Geriatrics - Dip.Ger. - M.Ger.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Postgraduate Diploma u għall-Grad ta' Master of Gerontology and Geriatrics - Dip.Ger. - M.Ger. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Postgraduate Diploma u għall-Grad ta' Master of Gerontology and Geriatrics - Dip.Ger. - M.Ger. - li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-regolament 3 għandu japplika minn Frar 1995 'il quddiem.

(2) Ir-regolamenti 4 sa 6 għandhom japplikaw minn Frar 1997 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu (3) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) Modulu 2:- 5 taqsimiet studju jew fil-Ġerontoloġija Soċjali jew fil-Ġerjatrija Medika. Kandidat jista' jsegwi wieħed minn dawn l-oqsma bl-approvazzjoni tal-Bord."

Emenda għar-regolamenti 6 u 7 tar-regolamenti prinċipali

4. Ir-regolament 6 għandu jitħassar.

5. Ir-regolament 7 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala r-regolament 6.

Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafi (1) sa (12) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) Kandidat li jikseb grad globali A jew B fil-Kors għall-Postgraduate Diploma huwa eliġibbli biex jirreġistra għall-grad ta' Master in Gerontology and Geriatrics.

(2) F'dan il-każ il-kandidat huwa meħtieġ jirreġistra mhux aktar tard minn ħames snin mill-pubblikazzjoni tar-riżultati finali tal-Kors għall-Postrgraduate Diploma.

(3) Biex ikun jista' jirreġistra għall-Grad ta' Master, kandidat għandu jressaq proposta dwar id-dissertazzjoni li għandha tinkludi t-titlu propost għad-dissertazzjoni tiegħu/tagħha, u deskrizzjoni tar-riċerka li se ssir li għandha tinkludi, fost l-oħrajn, l-ipotesi, il-metodoloġija, iż-żmien meħtieġ, il-bibljografija.

(4) Il-proposta tad-dissertazzjoni għandha tkun approvata mill-Bord.

(5) Il-Bord għandu jinnomina superviżur għal kull kandidat. Fil-każ ta' kandidat li ma joqgħodx Malta u li jagħżel li jagħmel il-proġett ta' riċerka tiegħu/tagħha fil-pajjiż rispettiv tiegħu/tagħha, il-Bord għandu jinnomina żewġ superviżuri, wieħed mill-pajjiż tal-kandidat u wieħed mill-Universita' ta' Malta. L-ismijiet tas-superviżuri proposti għandhom jitressqu għall-approvazzjoni tas-Senat.

(6) Is-superviżur għandu jitlob lill-kandidat jirrapporta għandu għall-anqas darba kull tliet xhur u barra minn hekk kemm-il darba jidhirlu li hemm bżonn. Huwa jista' jirreferi lill-Bord kandidat li huwa jikkonsidra li x-xogħol tiegħu mhux sodisfaċenti u għandu jirreferi għall-approvazzjoni tal-Bord xi tibdil sostanzjali fit-titlu tad-dissertazzjoni proposta.

(7) Id-dissertazzjoni għandha tinkludi r-riżultati tar-riċerka li saret, studju kritiku tal-letteratura rilevanti u diskussjoni kritika tar-riżultati.

(8) Id-dissertazzjoni m'għandhiex taqbeż il-50,000 kelma b'effett minn Frar 1995.

(9) Il-Bord jista' jħalli kandidat jagħmel jew itemm il-proġett ta' riċerka u l-kitba tad-dissertazzjoni fil-pajjiż rispettiv tiegħu/tagħha, sakemm il-Bord huwa sodisfatt li se jkun hemm superviżjoni xierqa u li kuntatt regolari se jinżamm mas-superviżuri maħtura mill-Universtita' ta' Malta skond il-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament.

(10) Il-kandidat għandu jissottometti d-dissertazzjoni tiegħu/tagħha mhux aktar tard minn tmintax-il xhar (fil-każ ta' studji fuq bażi *full-time*) jew sitta u tletin xahar (fil-każ ta' studji fuq bażi *part-time*) mid-data meta l-Bord aċċetta t-titlu tagħha.

(11) Il-Bord jista' jestendi dawn il-perijodi b'perijodu ieħor ta' sitt xhur (fil-każ ta' studji fuq bażi *full-time*) jew tnax-il xahar (fil-każ ta' studji fuq bażi *part-time*).

(12) Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur mis-Senat, li jikkonsisti mill-anqas minn tliet eżaminaturi, li wieħed minnhom għandu normalment ikun eżaminatur barrani minn universita' oħra.

(13) Il-kandidat għandu normalment ikun meħtieġ jagħmel eżami *viva voce* biex jiddefendi/tiddefendi d-dissertazzjoni tiegħu/tagħha.

(14) Ma tkunx aċċettata l-ebda dissertazzjoni li hija identika fis-sustanza ma' dissertazzjoni diġa' mressqa għal grad f'din l-universita' jew f'xi universita' oħra.

(15) Il-kandidat li d-dissertazzjoni tiegħu ma titqiesx sodisfaċenti jista' jitħalla mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, jerġa' jissottomettiha, f'forma riveduta, fi żmien mhux aktar minn sena mill-jum minn meta tkun riferuta lura lill-kandidat.

(16) Il-Grad għandu jingħata f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

(17) Ir-riżultat finali għandu jqis il-merti tad-dissertazzjoni u l-eżami *viva voce* dwarha."